MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru 488/2012

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Anthony Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 544752M akkuzat talli:

- fis- 7 ta’ Mejju 2012 ghal habta ta’ 8.45pm u/jew hinijiet wara fi Triq il-Fuhhar Hal-Tarxien u/jew postijiet ohra f’dawn il-gzejjer volontarjament hassar , ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centenzmu (1164.69 Ewro)

ghad-dannu ta’ Sean Felice minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra.

Il-Qorti mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Sean Felice minn Hal-Tarxien.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f’kas ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Sean Felice minn Hal-Tarxien il-provedimenti ta’Artikolu 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema baqa jinsisti anka wara li nghata zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-imputazzjoni fit-termini tal-akkuza.

Rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mil- lum. Tikkundannah skond l-Artikolu 24 tal-ahhar citat Kap li zmien mhux oltre sena mil-lum jhallas lil Shaun Felice is-somma ta €2,377.50.

Oltre, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal- persuna offiza, cioè Felix Shawn, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------